**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DEĊIŻJONI NUMRU 2944**

**Illum 5 ta' Ottubru, 2023**

**Chairman: Sur Joseph Delia**

Każ Numru: 3946/JD

Fil-Kwistjoni tax-Xogħol

Bejn

**Bruno D'Amico (Numru tad-Dokument tar-Residenza 0157074A)**

**u**

**Trive Financial Services Malta Ltd**

*dwar: tkeċċija mill-impjieg allegata li hi inġusta*

Dal-Każ ġie ntavolat permezz tar-Rikors datat 25 ta' Frar, 2021 ippreżentat mill-Av. Patrick Farrugia.

**Kumment**

Fis-seduta tas-27 t'Ottubru 2022 is-soċjeta` ntimata għarrfet lit-Tribunal illi l-isem tas-soċjeta` nbidel għal *Trive Financial Services Malta Ltd*.

**Fatti**

Ir-rikorrent daħal mas-soċjeta` ntimata nhar is-16 ta Settembru 2019 bħala *Sales Executive.*

Huwa sostna li l-*Human Resource Manager*, Ms El Mostafi, kienet tikkummenta regolarment illi kellha diversi ħbieb illi setgħu jagħmlu xogħolu faċilment; barra minn

hekk ma kenitx tagħti każ tas-suggerimenti li kien jagħmel għat-titjib tax-xogħol. Huwa allega wkoll illi hija ma kenitx tissimpatizza mal-obbligi li kellu lejn il-familja tiegħu għaliex hija laqgħet it-talba tiegħu biex iġemma' l-*leave* tiegħu għal meta l-mara kien imissha twelled billi qaltlu li jekk jagħmel hekk ikun qed jipperikola l-impjieg tiegħu. Barra minn hekk, skond ir-rikorrent, ma kenitx tappoġġja t-talba tiegħu biex jaħdem mid-dar meta l-mara tiegħu welldet fl-eqqel tal-epidemija tal-covid-19.

Fit-13 t'Ottubru 2020 ir-rikorrent ħareg bis-*sick leave*.

Fl-20 t'Ottubru 2020 ir-rikorrent irċieva *written warning* minħabba dak illi s-soċjeta` qieset bħala abbuż mis-*sick leave*, nuqqas serju ta' rispett lejn Ms Mostafi, u *poor performance* f'xogħolu; huwa ma kienx se jitħalla iżjed jaħdem mid-dar u dan minħabba nuqqas ta' fiduċja fir-rikorrent; u jekk ir-rikorrent jibqa' ma jilħaqx l-i*standards* tas-soċjeta` jingħata bidu tal-proċess ta' tkeċċija.

Ir-rikorrent wieġeb dal-*warning* fit-28 t'Ottubru 2020 billi spjega għaliex ma aċċettax l-akkużi li saru fil-*warning*.

Fit-30 t'Ottubru 2020 ir-rikorrent irritorna għax-xogħol mis-*sick leave*.

Hekk kif wasal għax-xogħol l-HR Manager saqsietu għaliex ma kienx ġab il-*laptop* miegħu.

Ir-rikorrent qajjem kommozzjoni sħiħa billi beda jgħajjat ma' Ms Mostafi, tant illi kellhom ikunu l-*Compliance Officer and Money Laundering Reporting Officer,* Dr Robert Vella Baldacchino, u r-*Risk Manager,* is-Sur Stefano Sorrentino, biex jikkalmawh.

Dak in-nhar stess Ms Mostafi sejħet laqgħa bejnha u r-rikorrent biex tiddiskuti r-*written warning*. Hija talbet lill-*Compliance Officer* biex ikun preżenti għal-laqgħa biex ma tkunx waħedha mar-rikorrent.

F'dik il-laqgħa r-rikorrent insulta lil Ms Mostafi, kellimha ħazin, għamel għal darbtejn ġest vulgari, u spiċċa biex heddidha.

Kif ħareg mill-laqgħa hadha mas-Sur Sorrentino għaliex dan, skond kif xehed ir-rikorrent, ma ddefendihx.

Huwa tkeċċa l-għada.

**Kunsiderazzjonijiet**

Fix-xieħda tiegħu r-rikorrent elenka dak illi huwa kkunsidra bħala nuqqasijiet serji min-naħa tal-*Management* fil-*marketing* tas-soċjeta`, esprima l-frustrazzjoni tiegħu għaliex:

dak illi skond hu kienu proposti serji li għamel lis-superjuri tiegħu biex jitjieb il-*marketing* kienu njorati;

l-*HR Manager* ma kenitx tagħmel ġieh lill-professjoni ta' *HR Management*;

il-mara tiegħu kienet waslet biex twelled;

u dan fl-agħar żmien tal-pandemija u allura l-opportunitajiet għal impjieg alternattiv kienu naqsu u, mill-aspett personali, kienet qed issir enfasi biex tingħata protezzjoni sħiħa lil ommijiet illi kienu tqal biex ikun evitat il-*virus* covid-19 u allura kien importanti li kemm jista' jkun ix-xogħol ma jsirx fl-uffiċċji, minħabba t-tixrid tal-*virus*.

Filwaqt illi jifhem il-frustrazzjoni u d-diżappunt illi sofra r-rikorrent, irrispettivament minn jekk kellux raġun jew le, it-Tribunal pero` ma jistax jissimpatizza mal-aġir tiegħu meta wasal biex jhedded lil rappreżentanta tal-Prinċipal.

Ma kellu jhedded lil ħadd mill-kollegi tiegħu. Il-fatt illi hedded lil rappreżentanta tal-Prinċipal, ir-rikorrent kisser għal kollox ir-relazzjoni bejnu u l-Prinċipal.

Allaħares min iġarrab id-diżilluzjoni li ġarrab ir-rikorrent jirreaġixxi bil-mod ta' rabja kważi nkontrollabbli għal kollox li biha rreaġixxa r-rikorrent.

Ir-rikorrent kellu pożizzjoni eżekuttiva u għalhekk pożizzjoni ta' fiduċja. Bil-mod aggressiv illi r-rikorrent ġab ruħu r-relazzjoni tiegħu mal-Prinċipal saret irrikonċiljabbli.

Inutli li t-Tribunal jidħol fil-mertu tal-ġustifikazzjoni o meno tar-*written warning* u l-proċess ta' dixxiplina għaliex iż-żewg inċidenti tat-30 t'Ottubru 2020, speċjalment dak illi spiċċa b'theddida kienu gravi biżżejjed biex jiġġustifikaw it-tkeċċija sommarja.

**Eċċezzjoni Preliminari**

Fir-risposta tagħha s-Soċjeta` qajmet eċċezzjoni preliminari rigward l-artiklu 75 (3) tal-kap 452, li jistipula li kull referta magħmula skont is-subartiklu ta' qabel dan għandha ssir permezz ta' dikjarazzjoni li ssemmi l-fatti tal-kawża pprezentati fir-Reġistru tat-Tribunal u għandha fil-każijiet kollha hekk tiġi ppreżentata mhux aktar tard minn erba' xhur mid-data effettiva tal-ksur allegat. Kullma jindika r-rikors promotur huwa li kien impjegat u li ġie mkeċċi. Għalhekk ir-rikors ma jinkwadrax dal-artiklu u għalhekk ma jistax jintlaqa` u għandu jiġi ddikjarat null.

Ir-rikorrent wieġeb, permezz tal-Avukat illi assistih, Dott. Patrick Farrugia, illi l-kawża tnehdiet permezz ta' rikors sempliċi u mxiet skond il-*first letter* maħruga mis-Segretarjat tat-Tribunal.

**Deċiżjoni**

**Dwar l-eċċezzjoni preliminari**

It-Tribunal ma jilqax l-eċċezzjoni għaliex ir-rikors promotur kien indikattiv biżżejjed dwar in-natura tal-Kaz u r-rikorrent mexa skond kif iggwidat uffiċċjalment mis-Segretarjat tat-Tribunal, gwida li ħarget skond il-prassi tal-proċedura tas-smiegħ dwar kwistjonijiet tax-xogħol.

**Dwar il-mertu tal-Kaz**

Wara li għamel il-kunsiderazzjonijiet tiegħu t-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi li t-terminazzjoni tal-impjieg kienet waħda ġusta.

It-Tribunal ma wasalx għad-Deċiżjoni fi żmien iqsar minħabba d-differimenti.

Għall-iskop tal-Avviż Legali Numru 48 tal-1986 id-drittijiet dovuti lil min assista lill-partijiet huma ta' €93 kull parti.

B'hekk tingħalaq dil-Kwistjoni tax-Xogħol.

(Iffirmat)

**Joseph Delia**

**Chairman** **Vera Kopja**

Graziella Borg

Għas-Segretarju